# Il-Kwadru tan-Nativitá ta' Ġużeppi Calì f'Ħal Luqa (1908) Jagħlaq 100 sena

*Mario Cassar*

Ix-xogħol fin-navi tal-knisja ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa kien għoddu lest lejn l-aħħar tas-sena 1904. Il-Ħalluqin dehrilhom li l-erba' pitturi li kien hemm qabel kien se jidhru żgħar wisq fuq l-artali l-ġodda, u allura ddeċidew li jpoġġu sett ġdid.

Il-kappillan Dun Anton Vella kkommissjoni lil Ġużeppi Calì (1846–1930) biex jaħdem l-erba' kwadri tan-navi. Il-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù żżanżan fl-1906, filwaqt li l-pitturi l-oħra – ta' San Duminku, ta' San Mikiel, u tat-Twelid ta' Ġesù (jew tan-Nativitá) – inkixfu fil-festa ta' Sant'Andrija f'Novembru, 1908. Fil-kappella tat-Twelid, Calì pinġa wkoll żewġ kwadri żgħar ovali li juru lil San Franġisk u lil San Spiridjun.

Ta' min jgħid li wara l-gwerra, il-kwadru tan-Nativitá (bħal dawk ta' San Duminku u San Mikiel) tkabbar mill-Prof. Oscar Testa biex jiġi jaqbel mal-gwarniċ l-ġdid u għaldaqstant il-qisien attwali tiegħu (bejn wieħed u ieħor 218 x 152 ċm) huma differenti minn dawk oriġinali. Fil-fatt, jekk wieħed jeżaminah mill-qrib, wieħed jista' josserva t-traqqigħ fit-tila.

Il-kwadru tat-Twelid, li hu ffirmat, juri lil Ġesù Bambin f'maxtura mdawwar mill-Madonna, San Ġużepp, żewġ nisa kampanjoli, u tifla ċkejkna. Xi wħud fl-imgħoddi kienu jirreferu għalih ukoll bħala ta' San Ġużepp. Fil-knejjes Maltin, Calì pinġa n-Nativitá minn ta' l-anqas darbtejn oħra – fil-koppla ewlenija ta' Ħal Lija (1893) u f'waħda mil-lunetti tar-Rotunda tal-Mosta.

F'okażjoni tal Milied fl-20 ta Novembru 2007 il-Maltapost ħarget sett ta tliet bolli li juru din il-Pittura ta Guiseppe Calì li tinsab fil-Knisja tagħna. Dan is-sett ħareġ kongunt mal-Belt tal-Vatikan.

